MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2011

Numru 930/2003

Il-Pulizija
(Supretendent Alexandra Farrugia u Spettur J.Cordina)

vs

Dennis Falzon

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ 477651(M), akkuzat talli:

1. fl-10 ta’ April 2003 u fil-gimghat ta’ qabel fil-Belt Valletta u fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer iffalsifika cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra kemm bankarji kif ukoll kummercjali illi meta jigu ipprezentati wiehed jista’ jircievi bihom hlas jew jiehu l-kunsinna ta’ oggetti, jew jigbor depositu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b’xi

att pubbliku tal-Gvern u cioe' dokumenti mill-Isptar Centre Hospitalier de Grenoble fi Franza u aktar talli ghamel uzu mill-istess karti imsemmija u dan bi ksur tal-Artikoli 167 u 169 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. fl-istess cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fi skrittura jew fil-firem billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet, jew fatti illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe' ghamel falsifikazzjoni ta' dokumenti mill-Isptar Centre Hospitalier de Grenoble fi Franza u aktar talli xjentement ghamel uzu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza u dan bi ksur ta' l-Artikolu 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. fl-istess cirkostanzi sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta' taghrif falz bi ksur ta' l-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. fl-istess cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat bi ksur ta' l-Artikolu 189 tal-Kap 9;

5. fl-istess cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn Lm8,000 bi hsara tal-Gvern ta' Malta bi ksur ta' l-Artikoli 308, 309 u 310(1a) tal-Kap 9;

6. talli fil-21 ta' Ottubru u fil-gimghat precedenti fil-Mosta u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat r-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat, fin-nuqqas ta' opposizzjoni da parti tieghu, sabiex jigi ggudikat, dwar il-htija jew nuqqas taghha, quddiemha ai termini tal-artikoli tal-ligi minnu citati;

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

L-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali, huma:
- il-falsifikazzjoni ta' dokumenti minn min hu; il-falsifikazzjoni ta' obbligazzjonijiet tal-Gvern u dokumenti minn ufficjal pubbliku; l-uzu xjenti minn wahda minnhom – Artikolu 167(1), 168(1) u 169 Kap 9;
- il-falsifikazzjoni ta' atti pubblici, kummercjali jew ta' bank privat minn persuna mhux ufficjal pubbliku u l-uzu xjenti tal-istess (Artikolu 183 u 184);
- id-dikjarazzjoni falza jew taghrif falz lill-awtorita' pubblika u l-falsifikazzjoni in generali ta' dokumenti u uzu tal-istess dokumenti foloz – Artikolu 188 u 189 tal-Kap 9;
- il-frodi b'ghemil qarrieqi (ossija truffa) u l-qligh b'qerq - Artikolu 308 u 309 tal-Kap 9.

Illi l-fatti jsibu l-origini taghhom f'ittra anonima mibghuta lill-Prim Ministru li kienet tikkontejni allegazzjonijiet fosthom li l-imputat kien thallas irregolarment minn fondi pubblici ghal kura li kien ircieva barra minn Malta u li kien xahham il-Ministru tas-Sahha ta' dak iz-zmien sabiex jottjeni l-pagament ossija rimbors tal-flus li kien hallas biex inghata l-kura. Jinghad mill-ewwel li l-allegazzjoni ta' tixhim m'hi imkien pruvata u ma tirrizultax. Rigward il-pagament ossija rimbors illecitu jibda' biex jinghad li l-imputat verament kellu htiega jsiefer ghal trattament

mediku li ma kienx provdut f'Malta u wara diversi tentattivi kien gie a konoxxenza li trattament ghall-marda li kellu kien jezisti gewwa sptar specjalizzat f'Grenoble fi Franza. Jirrizulta li t-trattament inghatalu gewwa dan l-isptar u li l-imputat ghamel talba lill-awtoritajiet u ottjena minnhom rimbors tal-flus li kien nefaq ghall-kura senjatament ghall-mizata dovuta u li kien hallas lill-isptar.

Illi jirrizulta ampjament car, a skans ta' ekwivoci kif allegat l-ittra li tat aditu ghal dawn il-proceduri, li ma kien hemm ebda impediment li l-imputat jmur jaghmel l-kura mehtiega lanqas minn flus il-poplu f'kas li l-awtoritajiet ikkoncernati kienu hekk jiddeciedu tenut kont ic-cirkostanzi. Fil-kas tal-imputat id-direttiva ghar-rimbors mahruga mill-allura Ministru tas-Sahha kienet giet approvata wara u 'se stante'. Kien l-imputat, wara li kien ha t-trattament, li staqsa sabiex jigi rimborsat, kif effettivament gie, skond il-fatturi li hu kien ghadda lill-awtoritajiet Maltin.

Huma proprju dawn il-fatturi li jikkontradistingwu l-meritu principali ta' din il-kawza.

Illi mid-dokumenti esebiti u l-provi jirrizulta li l-imputat thallas fuq fattura mahruga mid-Dipartiment tas-Sahha datata 3 ta' April 2003 is-somma ta' Lm16,979.37 korrispondenti ghal 40,000 Ewro (bir-rata tal-kambju ta' dak iz-zmien) li fi kliem testwali taghha kien jirraprezenta import ta' "Travel – Overseas Subs: Being refund to Mr Dennis Falzon…
which he paid to the Centre Hospitallier Universitaire de Grenoble" fosthom ta' tlett fatturi allegatament rilaxxati mill-imsemmi sptar datati 18 ta' Jannar fis-somma ta' 20,000 Ewro, 10 ta' Jannar fis-somma ta' 10.000 Ewro, u 23 ta' Jannar ukoll fis-somma ta' 10,000 Ewro u lkoll tas-sena 2003. Intant, minn ittra esebita folio 41 fuq intestatura tal-isptar Franciz jinghad li l-imputat kien effettwa zewg pagamenti ta' 10,000 Ewro il-wiehed, [u] l-ammont ta' 1517.18 Ewro li kien thallas akkont fil-5 ta' Mejju 2003. Jinghad ukoll li l-kont ta' 21,517.18 Ewro jirraprezenta ir-rikoverar fl-isptar mid-9 ta' Jannar sal-5 ta' Frar 2003. Korrispondenza li jsegwi tikkonferma li l-pagament gie effettwat mill-imputat innifsu. Jirrizulta f'dan

il-kuntest li apparti s-soggjorn li l-imputat ghamel gewwa l-isptar kien ghamel jumejn ohra fid-data indikata ta’ Mejju.

Illi l-kwistjoni kollha ghalhekk taggira dwar dik il-fattura tat-18 ta’ Jannar 2003 li l-imputat ipprezenta ghall-pagament lill-awtoritajiet lokali u ottjena l-pagament fuqha u li l-prosekuzzjoni qeghdha tallega li hija fabbrikata. Hawnhekk il-Qorti qeghdha taghti ragun mija fil-mija lill-prosekuzzjoni. Mill-provi u d-dokumenti, komprizi x-xhieda roggatorjali, jirrizulta ‘l fuq minn kull dubbju ragonevoli li dik il-fattura hija falza u b’hekk l-imputat ircieva permezz tal-istess 20,000 Ewro indebitament.

Illi fil-kuntest tal-akkuzi abbazi tal-artikoli tal-ligi citati fir-rinviju ghall-gudizzju mill-Avukat Generali (folio 413) jinghad:

i. illi l-falz meritu l-imputazzjoniet jaqa’ sewwa sew fil-kuntest tal-falz previst fl-Artikolu 167(1) tal-Kap 9 u trattandosi, fil-fehma tal-Qorti, ta’ falz materjali f’dak kontemplat fl-Artikolu 188 tac-citat Kap;
ii. jissussisti wkoll fl-Artikolu 183 u 184 tal-Kap 9 u l-Artikolu 308 u 310(1) tal-Kodici Kriminali.
Relattivament l-imputazzjoni ta’ pussess tar-raza tal-cannabis, in virtu tal-kontr’ordni tal-Avukat Generali fir-rinviju ghall-gudizzju, din l-imputazzjoni tirrizulta palesement mill-provi in atti.

Ghaldaqstant, taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi ssib l-imputat hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, l-hames u s-sitt akkuza. Rat l-Artikolu 167(1), 183, 184, 188, 308, 310(1), 17(b)(h) tal-Kap 9 u l-Artikolu 8(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap 101. Tikkundannah sentejn prigunerija. Rat l-Artikolu 28A u 28H tac-citat Kap 9 u tordna li l-prigunerija tibqa’ sospiza ghall-perjodu ta’ tlett snin mill-lum sakemm l-imputat ma jikkommettiex reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv taghha. Tordna lill-imputat li jhallas u jirrimborsa lill-Gvern ta’ Malta is-somma ta’ 20,000 Ewro mhux aktar tard minn sitt xhur mill-lum skond u ai termini tac-citat Artikolu 28H.

Rat l-Artikolu 533 tal-Kap 9 u tikkundanna l-imputat li jhallas lir-Registratur l-ispejjes kollha inkorsi fil-proceduri fil-hatra ta’ esperti;

Il-Qorti fehmet lill-imputat ir-responsabbiltajiet tieghu ai termini tal-Artikolu 28A(4) u 28H(7) tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------